# It-Toponomastika ta' San Ġiljan

Kitba tal-Kav. Mario Coleiro OSJ

Meta wieħed ikun irid ifittex tagħrif fuq xi post partikolari, irid ifittex f'dokumenti antiki biex minn kull referenza li ssib ikun jista' jislet l-informazzjoni fuq dak is-suġġett partikolari. Jien meta bdejt din ir-riċerka biex insibu informazzjoni li titkellem fuq l-art fejn illum insibu r-raħal ta' San Ġiljan, bdejt biex inħares lejn mapep antiki biex nara kemm l-isem ta' San Ġiljan imur lura fiż-żmien.

Mill-ħafna mapep li sibt tal-perjodu tal-Kavallieri jidher li l-iktar isem antik f'dawn l-inħawi huwa dak tal-bajja ta' San Ġorġ. Fil-fatt, din tidher imniżżla bħala *Cala di San Georgio*. Jissemma isem ieħor iktar antik li kien *Il-Qaliet*, li tfisser bajjiet jew daħliet. Fost l-ismijiet kollha li nsibu f'din ix-xaqliba ta' Malta jidher li dan huwa l-iktar wieħed antik. L-isem *Cala di San Georgio* jista' jkun ġie wara xi isem ta' xi kappella li m'għandna l-ebda informazzjoni dwarha jekk kinitx teżisiti fil-verità. Fil-mappa ta' Christophe Plantin tal-1514 jidher l-isem *Cala di San Georgio* u l-istess jidher fil-mappa ta' Girolamo Porro tal-1520. Dawn iż-żewġ mapep huma ta' żmien qabel il-wasla tal-Ordni ta' San Ġwann f'Malta. F'mappa ta' Francois de Belleforest tas-sena 1530, meta wasal l-Ordni ta' San Ġwann, l-isem ta' *Cala di San Georgio* għadu jidher għal din ix-xaqliba. Sa 100 sena wara, iġifieri fl-1630, f'mappa ta' Allain Manesson-Mallet, dan l-isem għadu jidher bħala l-isem taż-żona. Dan l-isem jibqa' konsistenti saħansitra sal-1688 meta jerġa' jidher fil-mappa ta' Robert de Vaugondy Gilles.

Fil-mappa ta' Karl Baedeker tal-1801 jidher l-isem ta' *St. Juliano* fejn tidher binja li tista' tkun knisja. Minn dak li nafu fuq il-knisja l-qadima ta' San Ġiljan jidher li l-ewwel knisja ddedikata lil dan il-qaddis f'dawn l-inħawi nbniet fl-1580. Din kienet inbniet mill-ġdid fl-1682 iżda għal xi raġuni, din damet biex tinfluwenza l-isem tal-art tal-madwar. F'mappa ta' Charles Monin tal-1828, l-isem ta' *San Juliano* jidher li jibda jieħu ċerta konsistenza. Hekk naraw fil-mappa ta' A. Mahlmann tal-1830 u minn mapep oħrajn ta' kartogrfi differenti, dan l-isem baqa' dejjem jidher. Minn din l-informazjoni naraw li iktar mal-knisja ta' San Ġiljan ħadet importanza, iktar kiber l-isem tar-raħal ta' San Ġiljan.


Il-bajja ta' San Ġorġ f'San Ġiljan

Iżda hawnhekk insibu ismijiet

oħra li jirreferu għall-partijiet mit-territorju ta' San Ġiljan. Fost dawn insibu l-isem ta' Spinola li jaf il-bidu tiegħu mal-bini tal-Palazz tal-Kavallier Fra Paolo Raffaele Spinola. Wara li kien akkwista ħafna artijiet f'dawn l-inħawi, huwa bena dan il-Palazz u Kappella fl-1688 u b'hekk dan ta isem lill-art ta' madwaru. Fil-fatt, f'mappa tal-1718 tal-Ġeneral tal-Galeri ta' Franza insibu mniżżel l-isem ta' *Vigna de Spinola*.

Insibu wkoll l-isem tal-Balluta li għalkemm tinsab maqsuma bejn tas-Sliema u San Ġiljan, xorta għandha isem li jiddistingwiha. Jidher ċar li dan l-isem ġej mill-fatt li fil-wied li jinsab viċin konna nsibu bosta siġar tal-Ballut li xi ftit minnhom għadhom jeżistu. Is-siġra tal-Ballut hija siġra endemika għall-Mediteran u hi siġra li tħaddar is-sena kollha.

Biex nerġgħu mmorru lura għal dak li jgħidulna l-mapep, dawn l-ismijiet wara xulxin jidħlu gradwalment sakemm illum insibu l-art kollha msejħa San Ġiljan. Hekk naraw li l-eqdem huwa *l-Qaliet,* wara nsibu *Cala di San Georgio*, iktar tard l-isem ta' *Vigna de Spinola* u kważi kontemporanju l-isem *San Juliano*.


**Il-Knisja Parrokkjali l-Antika ta' San Ġiljan Ospitalier, li minnha eventwalment għażilna isem raħalna, San Ġiljan**

Dan tal-aħħar sar l-iktar isem konsistenti bis-saħħa tal-knisja li kif għidtilkom, iktar ma saret importanti u madwarha ssawwar ir-raħal, iktar saħħet l-isem tar-raħal. Wara li din il-knisja saret Viċi-Parroċċa fl-1848, din iktar kompliet tagħti identità lil dan ir-raħal. Meta fl-1891 din il-knisja saret parroċċa indipendenti bit-territorju tagħha u nqatgħet kompletament mill-Matriċi Elenjana ta' Birkirkara, din issiġġilat l-isem tar-raħal u minn dakinhar, dan il-post beda jissejjaħ San Ġiljan.


Il-President u l-Kumitat tas-

Soċjetà Mużikali Spinola A.D. 1987

jawguraw u jirringrazzjaw lill-

**Kan. Dun Karm Calleja**

fl-okkażjoni tal-25 sena servizz tiegħu

bħala Direttur Spiritwali tas-Soċjetà.